# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL IMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

27. 6 TA' MARZU 1909. L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament.

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri ghandhom jinbaghtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

A. Levanzin B.A., C.F., P,L. *Direttur-Proprietarju.*

# W. CALLEJA CORTIS

F'il 25 ta' dana ix-xahar sar il Ġurì ta' William Calleja Cortis, dac iż-żagħżuh li chien katel il Hamrun lil omm il għarusa tiegħu. Barra minn dana gie gżat ucoll talli fiera lil għarusa tiegħu Ersilja ucoll.

Bħala Imħallfin kagħdu il President Carbone, id-Dr: Pullicino u id-Dr: Parnis. F'loc l-Avucat ta'l Curuna kagħad l-Assistent tiegħu, il bravu criminalista Dr: Stiefnu Micallef, u bħala Difensur tal ħati deher iż-żagħżuħ intelligenti Dr: Robert Ganado li f'il criminal kiegħed jagħmel figuri sbiħ ħafna.

Il ġurati chienu R. Bonello, prim ġurat, E. Gatt, in-Nutar G. Chetcuti, Neg: C. Pace Axiak, Neg: R. Bonello, A. Ciancio, E. Mifsud, G. Azzopardi Belloti u P. dei Baroni Attard Montalto. Bħala Ġurati supplenti: P. Frendo-Azzopardi, G. Lowell u il Procuratur Legal: G. Borg.

L-Avucat Micallef beda l-accuża u kal li Calleja Cortis chien ħati ta' żeŭġ ħŭejjeġ: ktil u ktil li ma sarx m'hux għa'x ma riedx Cortis. Kal li dana chien għarus ma' Ersilja, it-tifla ta'l mejta Ġorgina, iżda chien igib ruħu ħażin u għalhecc missierha u ommha bagħtuh. Xi siegħa kabel sar id-delitt, chien għaddej minn kuddiem il bieb ta'l għarusa, fuk it-tram, billi chien impjegat bħala motor-man, u kal lil sieħbu

Borġ; "Xbajt insofri l-azzjonijiet ħżiena tagħhom. Naraū jecc illum jieħdunix Cordin." Xi siegħa ūara telak it-tram ħdejn il Blata il Bajda u mar għand il għarusa li sabħa m'ommha b'il kiegħda barra. Chellimha, iżda l-omm kaltlu biex imur għal xogħlu, u billi dana ma tax ūiden, kalet lil bintha tidħol geūūa. Chif dina chienet dieħla, ħareġ ir-revolver u fakka żeūġ tiri f'ūiċċ l-omm u ieħor l'it-tifla Ersilja. L-omm ūakgħet minn tulha fl-art. Hu ħareġ sicchina biex jatiha biha, iżda malli ra kiegħda tinġabar in-nies ħarab.

Hafna raūh jispara u għarfuh. L-omm u it-tifla geū meħudin l-Isptar fejn l-omm jumejn ūara mietet bi "pneumonite settica" li giet ūara il ferita ta' grieżimha.

Meta ħarab damu jfittxuh xi jumejn; iżda imbagħad sabuh f'razzett l-Imsida, u fuk ūieħed m'il pulzieri sabulu chitba għal ħuh biex iħarrbu; u staksieh jecc Ersilja mietitx ucoll. Dic inhar ta'd-delitt l-eūūel biddel ħūejjġu u imbagħad inħeba.

Għalhecc chien ħati ta' żeūġ delitti li hu ma għamilx f'saħna ta' demm għaliex chien ilu jaħsibha minn kabel u ħa l-armi miegħu; u l-ankas chien provocat għaliex jecc tħassret l-egħrusija chien hemm għaliex.

Bdeū jissejħu ix-xhud:

L-eūūel geū it-tobba Milanes, Galizia u il Prof: Cassar u Mifsud li kraū iċ-certificat ta'l ferita u ta'l meūt u biex it-Tabib Galizia kal li il pneumonite giet m'il ferita stess. Il Professuri Cassar u Mifsud kablu miegħu.

**Feliċ Fenech** għaraf ir-revolver, u **Salvu Farrugia** li sab balla ħdejn id-dar ta'l mejta. Il polizjott **Toni Xiberras** kal li hu sab lil Cortis f'ir-razzett u li sab il chitba fuk il pulzier.

Inkrat ix-xhieda ta'l mejta li kalet: "X'ħin conna b'il kiegħda fuk il banchina ta'd-dar tiegħi gie Cortis ichellem lil binti. Jiena għedtilha biex tidħol geūūa. Hu ħareġ ir-revolver u gibed żeūġ tiri lili li b'ūieħed minnhom ħadni f'leħiti u bl-ieħor lakat l'it-tifla u ħarab."

Sejjħu lil **Ciccu Scicluna**, żeūġha, li kal li Cortis chien għarus ma bintu Ersilja xi erba xhur kabel, li cheċċieh għaliex chien bagħtilha cartolina b'xi ħaġa m'hux xierka fukha, li dan mar il ħanut tiegħu, ūara li chien ħa l-ura ir-rigali, u kal li għamel ħażin. Li beda jhedded lil martu u lil bintu u daūna irrapportaū lil Pulizija. Li lejliet id-delitt mar ħabbat f'daru u meta il mara ifaċċat kallha li jitmellah m'il pulizija u li għada jurihom min hu Cortis. Li l-agħda meta mar id-dar ra ħafna nies miġmugħa u ūara sar jaf li martu chienet feruta l-Isptar. Li mar jaraha chemm il darba u li kaltlu: "Għala ferieni? X'għamiltlu? Chemm hu briccun.

**Michiel Borg** kal li nofs siegħa kabel x'ħin chien għaddej fuk it-tram ma' Cortis dan kallu illi ma chienx jista jgħaddi minn hemm bla ma jcun insultat u li chienu sejjrin sgur jibagħtuh Cordin.

**Ġuże Mamo** kal li ried jirrapportah għaliex ma marx Ħażżebbuġ u li telak it-tram bla ma kal xejn lil ħadd.

**Edward Marshall** kal li meta Cortis telak it-tram ħa ħsiebhu f'locu u għad li kallu biex ma jitlakx dan ma taħx ūiden u baka sejjer lejn il Ħamrun.

**Alfred Tiling** kal li ma riedx iħallieh imur iżda hu kallu: "Jien miexi magħhom ta' ragel u huma le;" kal li sama it-tiri u ra in-nies miġmugħa, u li Cortis chien igib fuku ir-revolver għaliex darba f'it-triek ta Ħaż-Żebbuġ chienu daruh b'il gebel. Kal li xi ħmistax kabel ra lil xi ħadd isabbat it-tieka f'id-dar ta'l għarus x'ħin chienu għaddejjin.

**Ġuże' Caruana** kal li chien f'il bieb; sama it-tiri u ra xi ħadd jiġri liebes il kaki iżda ma għarfux; u **Paūlu Xerri** kal l-istess.

**Salvu D'Amico** ra lil Cortis jitchellem ma Ersilja; sama l-ommha tgħidilha biex tidħol geūūa, raħ jispara u jitlak lejn il Pjazza.

**Carmnu Camilleri** sama it-tiri u ra lil Cortis għaddej jiġri. Kal li Cortis chien kallu li ma chienx jiflaħ iżjed isofri l-azzjonijiet ta' omm il għarusa.

**Ġanni Gatt** kal li sama it-tiri u ra lil Ġorgina feruta fl-art. Laħak pulizija u hu mar jiġri għal kassis. Lejliet id-delitt ra l-Ersilja titchellem ma' Cortis.

**Censu Calleja** sama it-tiri bla ma rah.

**Milja Falzon** rat lil Cortis jitchellem ma ta's-Sellar, semgħet it-tiri u rat lil Ġorgina fl-art feruta; u **Anna Riccio** rat l-istess u daħlet geūūa. **Salvu Schembri** ra l-istess u għienhom biex daħħlu lil Ġorgina geūūa.

**Manūel Xuereb** sama it-tiri u dac li spara telak lejn il Pjazza.

**Carmni Pitre'** kalet li il mejta chienet oħtha, u li meta marret taraha l-Isptar fehmitha b'is-sinjali li ūara li sparalha tagħha dakka ta' sicchina f'genbha; u **Manūela Borg**, servjenta fl-Isptar, kalet li ratha tgħidilha dan.

**Manūel Scicluna**, bin il mejta, kal li Cortis darba chellu ponn ta'l ħadid, li ħadulu u taħ l-ommu e din tatulu; u kal li darba taħ ittra magħluka għal oħtu.

**Ersilja Scicluna**, il għarusa, kalet: "Cortis chien ilu għarus tiegħi xi sena, biss chien ilu jidħol id-dar xi sitt xhur. Chien jigi f'il għaxija u xi dakkiet f'nofs inhar. Ommi ma chienitx tridu jigi f'nofs inhar u għa'x darba gie ċanfritu; u għalhecc mar. Darba bagħatli cartolina m'hux xierka u jiena urejta lil missieri; chitibli chemm il darba; u ūara li bagħtuh baka jictibli u jchellimni għad li la cont irrid jien u lankas ommi. Ommi darba kaltlu li għandha isseūūi collox basta ma jcunx jaf missieri. Jiena cont nibża minnu għax chien iheddidni bl-armi; darba urieni sa revolver u kalli: "rajtu dan?" Darba gie, cenpel, niżlet ommi u staksa għalija. Jiena inżilt u kalli li ma aħniex ta'l galbu għa'x għidnilu ħaġa b'oħra, u li l-agħda jisbaħ u jurina min hu. L-agħda sar id-delitt. Meta ūasal ħdejja kalli: "Sesi!" Ommi kaltlu: "Mur u ħallina," u lili kaltli biex nidħol geūūa. Allura spara, lakat lili fi drieghi u telak lejn il Pjazza. Ommi chienet ucoll feruta b'sicchina f'genbha. Chien iheddidni għaliex chien igħir għalija. Ūara li tħassret l-egħrusija mort darba ma' ommi u ma' Toni S. Giljan.

**Turu Debono** kal li chien il ħuttab ta'ż-żūieġ; li ūara sama li sfratta collox; li Toni darba kallu li jgħid lil Cortis li jħalli lil Ġorgina b'il qūiet u ma jheddidhiex iżjed; u **Toni Portelli** kal l-istess.

Il **Cuntistabbli Carmnu Vella** gieb ir-revolver u il libsa li Cortis ħalla għand **Marietta Guillaumier** u din kalet x'ħin mar biddel għandha; u is-**Surgent Ġuże Borġ** kal li sabu u arrestah il Guardamangia; l-istess kal is-**Surgent Spiteri.**

**Lucarda Genovese** kalet li semgħet it-tiri u rat lil Ġorgina fl-art, u li dina gie li kaltilha li Cortis ma chienx ta' condotta xierka.

Il **P. L. Guże Zammit** kal li ir-revolver chien iccargat b'ħames tiri, li tlieta geū sparati u li sata joktol minn bogħod ta' 90 pied.

Meta reġgħu sejjħu lil **Carmnu Camilleri** kal li Cortis darba kallu: "li ma chellix l-ommi u l-oħti xejn ma cont inħabbel rasi jecc immur il ħabs."

**L-Ispettur Calleja** kal li ircieva darbtejn rapport minn għand Scicluna, il mejta, li Cortis chien heddidha, u l-aħħar darba chienet jumejn biss kabel id-delitt.

L-Avucat R. Ganado beda, imbagħad id-difiża u kal:

"Illi Cortis chien ħakku min iħenn għalieh għaliex ħabb ħafna lil Ersilja u li chien sfortunat għaliex missierha u ommha ma riedu jafu b'xejn b'din l-egħrusija. Cortis chien gżat għal żeŭġ ħŭejjeġ: il ktil b'ir-rieda ta' Ġorgina u ktil li ma irnexxiex ta' Ersilja. Nitħaddtu ftit fuk l.eŭŭel ŭieħed. F'il cas ta' Cortis il meŭt ma gietx għa'x l-isparatura u fejn lakatha chienu b'iż-żejjed biex joktlu, iżda, għaliex ŭara giet l-ingiesa u in-nefħa li biħom mietet. Min iferuh f'idu u jigi it-tetnu u jmut ma jcunux katluh chif tifhem il-ligi iżda jcun miet b'ħaġ'oħra li għalchemm tnisslet m'il ferita iżda giet ŭara. Għalhecc Cortis chien ħati biss ta'l ferita iżda m'hux ta'l meŭt. Ma dana inżidu li Ġorgina giet meħuda biex ideŭŭuha l-Isptar fejn ŭieħed jista jitniġġes actar malajr, u Cortis spara taħt għama ta' mħabba u ta' għejra u għalhecc dac il ħin ma satax jaħseb b'iż-żejjed x'sejjer jagħmel.

Li chien ilu mitluf fih in-nifsu jidher għaliex chien ilu jgħid li ma jiflaħx isofri azzjonijiet iżjed, u li chienu sejrin jibagħtuh Cordin, u biex katel ma marx staħba jeŭ kagħad igħasses, iżda mar fukhom x'ħin chienu f'il bieb. Li chellu fuku ir-revolver ma jfisser xejn; għaliex chien ilu jgibu fuku minn kabel ma tgħarras billi chien irid igħaddi minn ta' Braxja f'il għodu cmieni u billi darba ħabtu għalieh f'it-telgħa ta' Ħa'ż-Żebbuġ.

Naraŭ issa x'raġun chellu Cortis biex għamel dac li għamel. L-omm ma riedetx is-seccatura tiegħu f'id-dar u rat chif għamlet kaċċtitu il barra; l'it-tifla raŭha ma xi ħadd f'carrozzin S. Giljan. Cortis chien kiegħed ichellem l-Ersilja, l-omm chienet ŭiegħditu li għandha isseŭŭi collox, f'loc dan tcheċċih u tgħidlu: "mur minn haŭn, ma għandecx xi tridna." Cortis ta' 22 sena, nervus, mitluf bl-imħabba u b'il għejra, imcheċċi, rasu għalbitu, ħareġ ir-revolver li inzerta chellu fuku u spara. Għal dan ħakku min jagħdru.

Ingħidu issa xi ħaġa fuk it-tieni accuża. Ersilja kalet li meta rat l-ommha feruta fl-art ibbaxxat tgħejnha. Hemm Cortis lakatha; mela Cortis ma sparax għaliha, li ried joktolha chien għad fadallu żeŭġ balal oħra. La darba mela hemm daŭna id-dubji għandhom imorru favur tiegħu. Fuk il ferita b'is-sicchina Ġorgina ma kalet xejn lil Magistrat u issemmiet ŭara. setgħet saret kabel. Mela intom, sinjuri ġurati, għandkom tkejsu li meta Cortis għamel dana id-delitt għamlu b'telfa ta' demm u għalhecc jistħokklu min iħenn għalieh u jagħdru."

Isimgħu issa ix-xhieda:—

**Ġanna Xerri** darba chienet ma' Ersilja u din x'ħin marret għand omm Cortis staksiet l-oħtu għalieh; **Żeża Fenech** kalet li Ersilja chienet tħobb lil Cortis u riedet lilu b'għarus, iżda l-omm ma rieditux għa'x kalet li hu briccun u li hi chellha ŭieħed aħjar għal bintha u li ittrattatu u tcompli tittrattah ħażin; **Ruggier Borg** kal li is-Supraintendent ta't-Tram għajjat ma Cortis għa'x ma marx Ħa'ż-Żebbuġ u heddu li jcheċċieh; **Carmnu Borg** jaf li chien igib ir-revolver fuku billi chien igħaddi cmieni minn ta' Braxja; **Fonsu Balzan** kal li chien għand Ġorgina f'it-tard ferm; **Dajdi Davison**, oħt Cortis, kalet li ħuha gie li mar id-dar jibchi għal l-azzjonijiet ħżiena ta' Ġorgina; **Fredu Tonna** chien ilu jara ir-revolver fuk Cortis xi sena kabel; **Ġorġa Vella** gie li rat lil Toni bosta drabi jidħol għand il mejta; **Ġuże Agius** darba ħa b'il carrozzin lil mejta, lil bintha u lil Toni S. Giljan u il mejta kalltlu: "ma contx gejja miegħec għaliex sgur tmur tgħid collox lil Willy."

Il President Carbone beda imbagħad l-indirizz u kal:—

"Li chemm chien ilu Imħallef katt ma gie fatt ċar bħal dan kuddiem għajnejh. Cortis tgħarras ma' Ersilja; ommha u missierha riedu jħassru għaliex il ġuvni ma għoġobhomx. Min jista jindaħlilhom? L-affari ta'l cartolina turina b'iċ-ċar li Cortis ma chellux fini li jiżżeŭŭigħa. Dic inhar ta'd-delitt, ftit kabel, kal lil Michiel Borg: "naraŭ illum immurx Cordin;" chellu fuku revolver b'ħames balal, telak it-tram apposta, ma' ħdejhom x'ħin chienu f'il bieb u għa'x l-omm kaltlu biss: "mur u ħallina minnec" fakka żeŭġ balal lilha u oħra lil Ersilja. Meta katilha telak lejn il Pjazza, mar għand Marjetta Guillaumier, mart ħabib tiegħu, bidel l-uniformi ta't-tram u dàm moħbi tliet t-ijiem, jistenna li jsiefer mnejn ma jistgħux igibuh bħal ma sabulu mictub fuk il pulzier. Kal li it-tliet tobba li geŭ imsejjħin huma m'il l-aħjar li għandna f'il pajjis u daŭn kalu li il pnemonite giet imħabba f'il ferita u għalhecc mietet b'il ferita; li it-teorìji ma chellhom x'jaksmu xejn ma'l-Ligi, u li Cortis ma chienx taħt telfa għaliex telak it-tram, ħa ir-revolver, kal li dic inhar chellhom jieħduh Cordin u kabel lil Ġorgina kallha li għandu juriha min chien.

"Id-difiża ma chellhiex f'hiex tkabbad difrejha u għalhecc talbet li jagħdruh. Il cliem tal mejta ma chienx b'iż-żejjed biex iharax lil Cortis: allaħares chiecu cullħadd għal chelma ta' xejn bħal din jispara b'ir-revolver.

"Fuk id-delitt contra Ersilja nafu li fakka ir-revolver ma' ŭiċċha u jecc ma katilhiex ma nakasx minnu. Mela atu il fehma tagħcom fuk ruħcom."

Ŭara xi nofs siegħa il ġurati ħarġu, sitta contra tlieta, biss bl-iscuża; u għalhecc **gie iccundannat għoxrin sena ħabs għal l-euuel delitt u ħamsa għa't-tieni.**

L-Ispettur Calleja u il pulizija ta'l Ħamrun ureŭ ħeġġa cbira f'dana il cas, u l-actar biex sabu lil Cortis moħbi, u għalhecc ħakkhom cull tifħir talli kdeŭ dmirhom seŭŭa.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Is-silġ f'ir-Russja** kiegħed jaħchem bl-icreħ; ħafna vapuri ta'l art ma setgħux icomplu jaħdmu għaliex ŭakkafhom is-silġ; u sabu marduma taħtu ħafna nies.

**Fi New York** il grieghi katlu lil certu polizjott jismu Lowdly; għaldakstant in-nies ta' New York għamlu għalihom bl-icreħ, katlu u fereŭ bosta minnhom, ġarrfulhom sa djarhom u saru meetings biex ma jħallu l-ebda grieg f'pajjishom u il poplu collu kal iva. Il pulizija għamlet chemm felħet biex trażżan ix-xeŭŭiexa iżda ma irnexxielhiex.

**Contra is-Sinjura Steinhel** s'issa għadhom ma chixfu xejn seŭŭa biex jistgħu jugżaŭha li il ktil għamlitu hi; iżda l-Imħallef Andrè għandu suspetti ċar li id-delitt sar taħt għajnejha u li chellha sehem fih, għalhecc sejjer icompli jmixxi il biċċa kuddiem il Korti.

**F'Engħlen** il pulizija ftiehmet ma xi ħallelin biex għal taparsi jakbduhom jisirku u b'hecc juru chemm huma ta' ħila u li ma chienux kiegħdin ipappu is-salarju ta' xejn. Iżda ŭieħed m'il ħallelin chixef il borma u b'hecc in-nies saru jafu chif certi delitti jcunu magħġuna m'il pulizija stess.

**Lil P. S.** (Hamrun).

Ghandec raġun; ma hemmx ħaġa li tagħmel ħsara f'id-dar actar m'il ġrieden. Iftaħ għajnejc li ma tużax xi velenu minn daŭc li jbiħu l-ispiżżjari biex tekridhom, għaliex jistgħu jiġru disgrazzji cbar.

Ghamel hecc u naħseb li jcun b'iż-żejjed bla ma jcolloc l-ebda periclu f'id-dar.

Farrac ftit ġips virġni fi platt u ferrxu f'il kiegħ tiegħu u fuku ferrex saff tkiek u kiegħdu f'rocna fejn taħseb li jmorru l-actar il ġrieden. Ma' ġenbu kiegħed platt ieħor mimli bl-ilma.

Malli il ġrieden jieclu it-tkiek, jieclu ucoll il ġips; jatihom il għatx, jixorbu u malli il ġips virġni jixxarrab fl-istoncu jagħmel tiegħu u il ġrieden li jcunu chielu minnu jmutu sgur.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# STORJA TA'L PAPIET.

VIII.

## S. SISTU I.

**Saltan 9 snin, 3 xhur u 21 jum; laħak f'is-sena 132 u miet f'is-sena 142.**

Bin Pastore, hu imnissel minn gidd ta' patrizji rumani. Fi żmienu beda f'il kuddiesa jintgħad is-*Sanctus*; u ordna li ħadd ma sata jmiss il vazi sacri jecc m'hux ordnat. Fi żmienu il Cnisja ucoll sofriet ħruxija cbira minn Adrianu. Fi żmienu ġrat il kirda ta'l poplu lhudi minn dana il chiefer Imperatur ruman. Hadem ħafna contra l-eresija ta' Marcione, ta' Valentino u ta' Basilide; u ŭara li għamel ħafna gid ġarrab il martirju taħt l-Imperatur Antoniu Piu, u gie midfun f'il Vatican. San Ġlormu chiteb ħafna favur tiegħu u il Cnisja għadditu dejjem bħala ŭieħed m'il l-actar Papiet glorjusi tagħha.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

MARZU.

8.- 1814. Il Gvern ħareġ regolamenti biex jekred il pesta minn Għaŭdex.

9.—1631 Saret parroċċa il Cnisja ta' Hal Luka.

10.—1623. Laħek Gran Mastru Antonio de Paula, li beda jibni Raħal Ġdid.

11.—1670. Imbeda il bini ta'l Cottonera, is-sŭar li jħaddnu it-Tliet Ibliet.

12.—1429. Gherket il flotta torca li chienet gejja għal Malta.

13.—1635. Lil canonici capitolari taŭhom l-użu ta'r-rucchett, ta'l muzzetta u ta'l cappamanja m'il leŭn il bringiela.

14.—1728. Gie iconsacrat Iskof ta' Malta Mons: Fra Paolo Alferan.

# FRAC.

Nirringrazzja, b'kalbi collha, l'is-Sur Fons Galea ta'l copja li bagħatli ta'l Orazzjoni Funebri li għamel il għaref Patri Allegra, Salesjan, f'il funeral ta'l mibchi minn cullħadd Patri Urso. Id-discors hu sabiħ ŭisk, mictub tajjeb u jidher li ħareġ minn kalb ta' ŭieħed li chien iħobbu ħafna.

Nirringrazzjah ucoll ta'l ctieb ta'l mogħdija ta'ż-żmien "Dumac u Titu", li hu it-tieni taksima ta'l "Halliel it-Tajjeb" li kaleb b'il malti is-Sur Muscat-Azzopardi. Meta ix-xogħol ħareġ mn'idejh, ma għandu bżonn ta' l-ebda raccomandazzjoni u ta' l-ebda tifħir għaliex ismu hu b'iż-żejjed biex ŭieħed icun sgur li sejjer jakra ctieb sabiħ. Tant jintgħoġbu il cotba tiegħu li il "Maħbub ta' Gesù" kiegħed jinħataf, u m'hux m'il poplu biss iżda m'il aħjar sacerdoti u għalhecc min bi ħsiebu jħassel copja ta' dan il ctieb tant sabiħ ifittex imur għand il fotografu Vella ta' Strada Kjali ta'l Belt, u jixtriha għaliex min jiddaŭŭar jibka sgur bla xejn. Ma jkumx ħlief xelin u nofs u għal l-imsieħbin ta'n-"Naħla" disgħa irbgħajja biss.

Hadt pjacir meta krajt li is-Sur Fons Galea bagħat lil Propaganda fuk l-elf lira li inġabru minn Malta. Dana juri dejjem il kalb ħanina ta'l maltin għal barranin li huma f'il bżonn. Il Propaganda hi tasseŭ ŭaħda m'il ħŭejjeġ sbiħ li cull minn jista għandu igħinhom għaliex tagħmel gid ŭisk. Tasseŭ li min jati xi ħaġa għal dina il l-opra imkaddsa jcun kiegħed jislifha l-Alla.

Nirringrazzja ucoll b'il kalb collha lil Can: Dun Vincenz Vella, il Cappillan ta' Santu Spirtu ta'r-Rabat ta'l Imdina, ta'l cotba sbiħ b'il malti li għogbu jibgħatli, u li nixtiek nara f'idejn cullħadd l-eŭŭel nett għal gid li jagħmlu u it-tieni biex il ħila tiegħu bħala chittieb malti tigi actar magħrufa.

Ircevejt minn għand l-Istampatur Ġużè Cumbo, ta'l Belt, xi faxxicoli ta'r-romanz b'il malti li kiegħed joħroġ "Il Haddied ta'l Cunvent" li hu ŭieħed m'il l-isbaħ ta'l chitt'eb francis Ponson du Terrail. Dana fih sa l-istampi. Nirringrazzjah u nirraccomandah lil daŭc collha li jħobbu jakraŭ b'il malti.

Ghal Concors b'il premju li għamilt għal Raccont malti originali ma bagħtux ħlief tlieta; l-aħjar ŭieħed chien iffirmat *Aristophanes*; ieħor ħa soġġett dgħajjef minn fuk l-Assedju, l-ieħor bagħtilna taħdita sabiħa bejn Hanni u Hamilkar meta saru insara fi żmien San Paŭl, iżda dana ma jidhirlix li jista jissejjaħ raccont; l-istess ingħid lil dac ta' Hal Kormi li ġabar ftit storja u bagħatielna. L-ortografija ta' collha hi imgħarrka ŭisk. Għaldakstant billi ftit ŭiegħbu u ŭiegħbu dgħajjef ħafna ma jidhirlix li hemm loc u la ta' ġurati u l-ankas ta' premji.

Stennejt li nircievi xi ħaġa aħjar F'pajjisi oħra jieħdu seħem l-eluf; darba meta għamel concors hecc it-TIT-BITS ircieva fuk il mitejn elf risposta.



# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN.

"Iżda id-dnub ma jorkodx. Darba lemħuh, għarrfu lil Gran Mastru, dana kabdu u kiegħdu għa's-sŭat biex igħid collox. Diez baża u kal min chien jibagħtu u x'chien fihom l-ittri. Damaral gie arrestat u meħud f'il Castell ta' S. Nicola, u ŭara li semgħu lil xi xhud ieħor, kassis grieg, iccundannaŭhom it-tnejn għal meŭt; lil Damaral chellhom jaktgħulu rasu u lil Diez isensluh minn għonku u idendlu l-iġsma tagħhom ma's-sur b'turija ta'l għedeŭŭa.

"Diez l-agħda għallkuh f'nofs il misraħ; lil Damaral neżżgħuh minn Cavalier kuddiem cullħadd; u ħaduh il misraħ ucoll biex jahsdulu rasu. Iżda dana baka jgħid li hu chien bla ħaija u li huma ma chellhomx jatuh il meŭt fuk ftit tpecliek ta' seftur u bla ebda prova seŭŭa f'idejhom; u billi chien ras cbira, u chien damma m'as-Sultan ta'l Portugal, u biex ma itebbgħux l-isem ta'l Ordni ŭara li beŭsuh il forca ħalleŭŭielu għaddejja lixxa. . . .

"Inħallu għaldakstant lil dana il bniedem karrieki jaħseb bejnu u bejn ruħu u jinchedd u jitfettet għal dac li għamel u naraŭ f'hiex chien jinsab dac il bniedem kalbieni li sa chemm iddum ħajja l-Istorja ma jmut katt, igifieri il Gran Mastru L-Isle Adam.

"Dan ŭara li talab u stenna il għajnuna ta's-Slaten Insara; meta ra li jeŭ ma bagħtulux jeŭ giet mekruda m'il killa ta'l baħar, gigħel lil Cavalieri u l'in-niea li chellu imxerrdin f'il gżejjer krib Rodi li jinġabru, bl-ichel u il ħŭejjeġ, ġo'l Belt biex jatu l-aħħar għajnuna u ġarraf żeŭġ cnejjes biex it-toroc ma jcollhomx fejn jistchennu u biex bil gebel tagħhom jirfed daŭc is-sŭar li chienu l-actar maħsusa. It-toroc reġgħu habtu għal Belt minn cullimchien b'killa li ma bħalha. Iżda il ħila ta'l Cavalieri u xita kaŭŭija li għamlet, għaliex tasseŭ infetħu bŭieb is-sema, gegħlu l'it-toroc li jerġgħu l-ura b'telfa cbira.

"Soliman x'għamel meta ra li chien ilu sitt xhur b'mitejn elf ruħ kuddiem dic il Belt imħarbta u bi ftit Cavalieri u f'dana iż-żmien collu ma giebx ŭaħda żeŭġ iżda biss kalagħ fuk ŭiċċu chemm felaħ?" staksa il Hachem.

—"Soliman" ŭiegħu Kalamias "għamel buli t'isŭed, ingħalak f'it-tinda tiegħu, dendel xuftejh u ma ried jara lil ħadd ħdejh. Biss il Baxa Peri, ŭara ħafna talb u traħħim, irnexxielhu jidħol ħdejh u kallu li l-aħjar jaraŭ chif jagħmlu u jżegħlu b'il Cavalieri li jerħu f'idejhom b'il chelma it-tajba il Belt, għaliex chien kiegħed jibża li tasal fl-aħħar il għajnuna ta's-Slaten insara u jsibu rŭieħhom f'tabxa agħar. Soliman l-eŭŭel sibel għal dana il cliem iżda imbagħad, b'it-tŭiddib a' Peri, sar actar ġŭejjed u kal iva.

"Bagħtu lil ŭieħed ġenŭis jismu Ġlormu Monile biex jitchellem ma'l Gran Mastru. Dana ma riedx jatih ŭiden u kallu li l-Insara ma't-Toroc b'ix-xabla fidejhom biss setgħu jiftiehmu, u cheċcieh. Raġa resak, u L-Isle Adam gegħilhom jisparaŭ għal fuku. Dac, imbellah, ħarab bla ma katluh.

Resak ŭieħed Albanis, l-istess; ma l-eŭŭel tir li sama jvenven ma' ŭidnejh parpar sakajh fuk rasu lejn il camp ta't-Toroc.

"In-nies ta'l Belt intebħu li il Gran Sinjur ried lil Cavalieri jciedu b'il chelma it-tajba u għalhecc il biċċa il cbira billi beżgħu għal rashom, għal gieħ ta'n-nisa u ta'x-xebbiet tagħhom u għal gidhom, tħajjru li jitolbu lil l-Iskof biex jara chif irattab kalb il Gran Mastru u jgegħlu jerħi il Belt bla ċarcir ta' demm iżjed.

"L-Iskof hecc għamel; iżda il Gran Mastru ma riedx jati ŭiden. Biss meta ra li bejn in-nies ta'l Belt beda it-tixŭix u it-tgħemgħin, u meta Martinengo u l-oħrajn fehmuh li il Belt ma chienetx tiflaħ tissara iżjed, li in-nies u l-actar kalbiena naksu, li naksu ucoll l-ichel u il porvli, u li jecc Soliman jirbaħ b'il ponta ta's-sejf jagħmel taktiha minn cullħadd, cbar u żgħar, nisa u irgiel, libet fih in-nifsu u ħasibha aħjar. Sejjaħ il Cunsill u dana kal li għandhom igħaddu għal ftehim ma' Soliman.

"Dana bagħat f'Rodi żeŭġ toroc minn ta' ma dŭaru u il Gran Mastru bagħat lil Cavalieri Toni Grolèe u Robert Perrucey, ŭieħed m'il l-Imħallfin ta' Rodi. Daŭna daħlu kuddiem il Gran Signur u dana lakagħhom tajjeb ħafna u kallhom li jecc iridu joħorġu bl-unuri collha minn Rodi jħallihom; jecc le jibka sa jgħaddihom collha minn taħt ix-xabla u jaħrak il Belt.

"Meta semgħu cliemu kalulu li jridu jaraŭ x'igħid il Gran Mastru. Soliman bagħat biss lil Perrucey u żamm miegħu lil Cavalier Grolèe, u ħallieħ f'it-tinda miegħu u chien saħansitra jitimgħu miegħu fuk l-istess mejda; u darba, x'ħin telagħlu l-imbit għal rasu, kallu li taħt is-sŭar ta' Rodi tilef erbgħin elf ruħ b'is-sejf biss barra minn daŭc li mietu b'il mardijiet.

"X'uħud minn daŭc li chien hemm f'il Belt beżgħu li Soliman ŭara li għal taparsi jiftihem magħhom u jidħol f'il belt, jonkos minn chelmtu, bħal ma għamel f'Belgradu, u joktolhom collha; u għalhecc kalu li aħjar imutu jitkabdu b'ittama ta'r-rebħa milli jakgħu irsiera jeŭ imutu b'idejhom marbuta b'il ħbula ta't-Toroc.

*(Jissocta.)*

## LIL L-IMSIEHBIN.

DAŬC COLLHA LI JSIBU SOĊJU ĠDID GĦAL SENA GĦA'N-"NAHLA" JIEHDU CTIEB TA'L "MAHBUB TA' GESÙ" B'XEJN.

LIL MIN JISSIEHEB ĠDID ISSA, BILLI BAKA FTIT COPJI ZEJDA, NATIH IN-NUMRI TA'L-EŬŬEL SITT XHUR B'XEJN

BEJN MIN HALLAS JEŬ IHALLAS, MINN JEDDU, IT-TIENI SITT XHUR, SA L-AHHAR TA' MARZU, JINTREFGĦU PREMJI COTBA SBIH.

L-ISMIJIET TA' DAŬC LI HALLSU INGIBUHOM DARB' OHRA.

A. LEVANZIN.



L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il aħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali NAVALI U MILITARI, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Daŭc li iridu jicconcorru għall'esamijiet għal daŭn iż-żeŭġ Dipartimenti għandhom f'dan l'Istitut classi speċjali għalihom.

Ir-risultati dejjem chienu brillanti u it-tfal dejjem otteneŭ l'aħjar postijiet f'il-lista ta' l'eżamijiet.

Informazzjonijiet oħra jistgħu jittieħdu minn għand id-Direttur.

---

Min irid jixtri "Storia Universale" ta'l Cantù legata, ġdida u b'irħis jicteb jeŭ jitchellem miegħi, għa'x niftehmu sgur.

---

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejjġu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u bl-onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur ACHILLE CIANCIO, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid imbagħad xi macna ta'l ħjata tajba u bi prezz xierak imur għandu ucoll f'in-negozju li għandu kuddiem il Gesŭiti għaliex hu l-Agent ta'l famusa fabbrica Wertheim. Ħafna li xtraŭ minn daŭna il macni ħarġu jiftaħru,

---

Min irid jieħu lezzjonijiet ta'l lingŭa ingliża u ta'l matematica imur għand is-Sur Griffiths, fi Strada Macina, Senglea, u joħroġ cuntent sgur.

---

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għall kalbu sgur.

---

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22, Strada Concezione, Bormla.

---

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett feja chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

---

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' lejn Sant Anton.

---

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

---

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A, Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

---

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

---

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

---

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

---

GĦA'R-RANDAN!

**Min irid jixtri**

CAUCAU

**m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra**

BENSDORP

**għand il magħrufa minn cullhadd**

C. CAMILLERI & SONS

**TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.**

U MA JIBDIELUX.

Stamperija "EMPIRE" 8 Strada Magazzeni - Floriana.